**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 3 ta' Mejju, 2017**

**Rikors Nru: 375/2009 MLF**

**Herman Von Brockdorff**

**Vs**

**Mario Falzon**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur fejn talab sabiex il-konvenut jiġi kkundannat li jħallas lill-attur is-somma ta' erba' t'elef ħames mija u wieħed u tmenin Ewro (€4,581) rappreżentanti bilanċ ta' prezz li għadu dovut mis-somma ta' tlettax-il elf, ħames mija u wieħed u tmenin Ewro (€13,581) għal diversi xogħolijiet li jinkludu; taraġ, bibien ta' barra u interni u gallarija ta' l-injam.

Bl-imgħaxijiet relattivi mid-data tal-preżentata ta' dan l-Avviz.

Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura nklużi l-Mandat ta' Sekwestru numru 2930/09 maħruġ fil-25 ta' Settembru, 2009.

Rat ir-risposta ta' Mario Falzon fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-attur m'huwiex il-leġittimu kontradittur stante li x-xogħolijiet ġew ordnati mis-soċjeta' *Highfield Holdings Limited*;

2. Illi subordinatament u bla preġudizzju l-intempestivita' tal-azzjoni odjerna stante li l-intimat qatt ma ġie interpellat iħallas il-flus mitluba u kwindi fi kwalunkwe każ, l-intimat m'għandux ibagħti l-ispejjeż ta' din l-istanza u tal-atti kollha relatati magħha;

3. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi x-xogħolijiet mertu tal-każ ma sarux skond is-sengha u l-arti kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, tant illi l-esponent minħabba li sofra diversi danni inġenti fil-proprjeta' tiegħu kawża tax-xogħol li sar ħażin, intavola kawża kontra l-attur quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għar-risarċiment tal-prezz ta' l-istess xogħol u kumpens għad-danni sofferti;

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ppreżentati, inkluz ir-rapport tal-espert tekniku mahtur minn din il-Qorti, Joseph Cortis;

Rat li b'digriet ta' din il-Qorti tal-15 t'April 2013, gew allegati ma' l-atti odjerni, l-atti tal-proceduri tal-kawza fl-ismijiet inversi deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Marzu 2013 (Rikors Nru: 1010/09 AE), li minnha ma sarx appell u ghalhekk saret *res judicata.*

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:

1. Hermann Von Brockdorff – li huwa mastrudaxxa [1] - ġie mqabbad mill-attur sabiex jeżegwixxi diversi xogħolijiet ta' l-injam fid-dar tal-konvenut, senjatament fuq il-post numru 54, Triq Lapsi, San Ġiljan. [2]

2. Ix-xogħol pattwit kien jikkonsisti fi tmintax (18)-il biċċa li jinkludu bieb ta' barra, bibien ta' barra interni, bibien interni, taraġ, gallarija, gwardarobba, *skirting, unit* fil-kamra tal-banju u tieqa li tagħti għal barra. [3]

3. Il-prezz għal dawn ix-xogħolijiet kien ta' tlettax-il elf ħames mija u wieħed u tmenin Ewro (€13,581).[4] Il-konvenut kien ħallas l-ammont ta' disa' t'elef Ewro (€9,000) bħala depożitu akkont tal-prezz finali lill-attur.[5] Għaldaqstant, għad fadallu jħallas il-bilanċ ta' erba' t'elef ħames mija u wieħed u tmenin Ewro (€4,581) lill-attur. [6]

4. Wara ftit jiem li twettaq l-appalt, bdew joħorġu difetti fl-oġġetti u l-konvenut allega li dan kien minħabba l-fatt li l-attur m'esegwixxiex ix-xogħol in kwistjoni skond l-arti u s-sengħa. Għaldaqstant, il-konvenut naqas milli jħallas lill-attur il-bilanċ li kien għad fadallu jagħtih, u cioe l-ammont ta' erbat elef ħames mija u wieħed u tmenin Ewro (€4,581).

5. Inoltre l-konvenut (flimkien ma' martu) bdew proċeduri legali kontra l-attur (kif ukoll kontra mart l-attur u kontra s-soċjeta' *Highfield Holdings Limited*) quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Citazzjoni Numru 1010/2009 AE) [7] u dan sabiex dik il-Qorti tiddikjara li x-xogħol li sar fil-fond tiegħu ma sarx skond l-arti u s-sengħa. F'dawn il-proċeduri msemmijin hawn fuq, il-konjugi Falzon talbu wkoll lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jieħdu lura s-somma ta' disat eleft Ewro (€9,000) li kienu ħallsu bħala depożitu akkont tal-prezz, u sabiex il-Qorti tiddikjara li l-konjugi Falzon huma intitolati għall-kumpens minħabba d-danni sofferti minnhom riżultat

---

[1] Ara fol 50 tal-proċess. Ara wkoll paġna 12 tar-rapport tal-Perit Tekniku (li jinsab a fol 32 tal-proċess).
[2] Ara fol 50 tal-proċess.
[3] Ara paġna 7 tar-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Cortis (fol 32 tal-proċess).
[4] Ara fols 1, 41 tal-proċess.
[5] Ara fol 41 tal-proċess.
[6] Ara fol 1 tal-proċess.
[7] Ara s-sentenza li ngħatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – mill-Imħallef Anthony Ellul – fl-1 ta' Marzu 2013 fl-ismijiet "*Mario Falzon u martu Greta Falzon Aloisio vs. Herman Von Brockdorff, Lydia Von Brockdorff u s-soċjeta' Highfield Holdings Limited*" (Rikors numru:- 1010/2009 AE).

tax-xogħolijiet li esegwixxa l-attur Herman Von Brockdorff, u tillikwida l-istess danni.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

B'digriet tal-25 ta' Novembru tas-sena 2009, din il-Qorti hatret bhala Perit Tekniku lil Joseph Cortis sabiex jirrelata mill-lat tekniku biss u jagħmel analiżi, rapport u konklużjoni fattwali.[8] Il-provi effettivament instemghu mill-Perit Tekniku.[9] Dan l-istess espert tekniku gie mahtur mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-proceduri bl-ismijiet inversi.

Wara li analizza l-provi kollha prodotti mill-partijiet, l-Espert Tekniku Joseph Cortis wasal għas-segwenti konklużjonijiet:

"*a. L-Injam li intuża fl-appalt (Tulipwood) huwa addattat għall-xogħol fuq ġewwa iżda mhux għal bieb ta' barra estern (1) peress li jkun suġġett ta' ħafna aktar ċaqliq, liema materjal kellu jsir minn injam tal-Iroko jew simili li jiflaħ għall elementi tal-ambjent li kien ser jitpoġġa fih, għaldaqstant l-attur naqas f'dan ir-rigward.*

*b. Iċ-Ċaqliq sostanzjali fl-injama li rrisulta fi qsim bejn il-kuxbien u l-paranti, brim u xi xpakk, huma risultat ta' differenza fil-livel tal-umidita' (fl-injam irrisulta minn 14% għall 9% minn ras għal ras) li kien hemm fil-post fejn twaħħal ix-xogħol għaldaqstant attur ma kellux kontroll fuq dan l-ambient u għalhekk ma huwiex responsabbli.*

*c. Ma ġiex ipprovat li s-saqaf tal-gallarija nħadem sabiex iservi l-użu li għalieħ kien iservi peress li kien hemm infiltrazzjoni ta' ilma fis-saqaf li rriżulta f'umidita' għaldaqstant dan is-saqaf ma sarx skond is-sengħa w l'arti.*

[8] Ara fol 9 tal-proċess.
[9] Dawn l-aċċessi saru fil-15 ta' Jannar 2010 u fl-10 ta' Mejju 2010. Ara paġna 4 u paġna 67 et seq tar-rapport tal-Perit Tekniku.

*d.* *L-iskirting (Tulipwood) kienet biss supplita mill-attur u kienet responsabbilta' tal-konvenut li din titwaħħal b'mezzi f'saħħithom biżżejjed li tiflaħ għaċ-ċaqliq ta' l-injam għalhekk l-attur ma hux responsabli għal dan.*

*e.* *Ix-xogħol kollu patwit għandu bżonn ta' dawrien, settjar, fejn hemm xambrelli qosra jinbidlu, jinżebgħu sewwa fuq u isfel tal-bibien kollha dan sabiex jintlaħaq il-livell sodisfaċenti, li bi ftit attenzjoni w spejjeż dan għandu jiġi milħuq.*

*f.* *Il-lostru, tat-tarag u l-unit tal-kamra tal-banju, għalkemm ma kienx l-attur li esegwa ix-xogħol biss pero' kien parti mill-appalt tiegħu. Min issupplixxa l-lostru kif ukoll min esegwa xogħol tal-lostru, hemm inkonsistenza bejn ix-xhieda tagħhom u dak li fil-fatt użaw għalkemm jidher li intuża prodott wieħed ta' kumpanija waħda. Dan jirrisulta li materjal li intuża ma huwiex dak adattat għal użu li kien jirrikjedi minnu għaldaqstant l-attur naqas li jagħti prodott komplet u skond is-sengħa u l-arti.*

*ġ.* *Iż-żebgħa fuq il-kumplament tax-xogħol kollu barra dak imsemmi fil-paragrafi ta' qabel jidher li ntużaw taħlita ta' diversi prodotti minn diversi kumpaniji, u l-istess intuża kemm fuq ġewwa kif ukoll fuq barra. Għalkemm kien hemm ċ-ċaqliq fl-injam minħabba l-umidita', id-diversi prodotti ta' diversi kumpaniji, liema materjal tal-finish ġie supplit minn Coleiro General Supplies Ltd., fejn l-informazzjoni mogħtija ma kienitx korretta u bil-manifatturi barranin taż-żebgħa ma jikkumentawx u jirreferuni lura għand min jippresentahom u min jippresentahom jastieni milli jgħaddi l-informazzjoni mitluba. Għaldaqstant hemm dubju kbir fuq il-kwalita' u l-kkaratteristiċi tekniċi taż-żebgħa li ntużat għall-aħħar passati (finishing) Dan irriżulta li żebgħa bdiet tinqasam u f'xi mkejjen titlef l-aderenza tagħha u titqaxxar. Dan jirrisulta li l-attur għandu tort li l-prodott finali ma huwiex skond is-sengħa u l-arti.*" [10]

Fis-sentenza taghha tal-1 ta' Marzu 2013, fl-ismijiet **Mario Falzon u martu Greta Falzon Aloisio vs. Herman Von Brockdorff, Lydia Von Brockdorff u s-soċjeta' Highfield Holdings Limited**, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[11] iddecidiet *inter alia*, ghab-bazi tar-rapport

[10] Ara paġni 18 sa 20 tar-rapport tal-Perit Tekniku s-Sur Joseph Cortis. (Ir-rapport tal-Perit Tekniku jinsab a fol 32 tal-proċess.)
[11] *Per* Imhallef Anthony Ellul.

tal-istess Perit Tekniku, illi hemm xogħol li ma sarx skond l-arti u s-sengħa, li m'huwiex minnu li d-difetti huma tali li jirrendu l-oġġetti inutilizzabbli u kkundannat lill-konjugi Von Brockdorff sabiex iħallsu s-somma ta' ħamest elef mija u disgħa u sittin Ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€5,169.53) lill-konjugi Falzon, bhala rizarciment tad-danni sofferti minnhom minhabba dawk il-bicciet ta' xoghol li ma sarux skond l-arti u s-sengha.

L-attur hallas dan l-ammont likwidat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili lill-konvenut.

Qabel tikkunsidra l-mertu tal-vertenza, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-eccezzjoni preliminari

*L-Ewwel Eċċezzjoni – L-Attur M'huwiex il-Leġittimu Kontradittur*

Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-konvenut Mario Falzon jeccepixxi illi l-attur m'huwiex il-leġittimu kontradittur, stante li x-xogħolijiet ġew ordnati mis-soċjeta' (recte mingħand is-socjeta) *Highfield Holdings Limited*, u mhux mingħand l-attur personalment.[12] Huwa jissottometti li meta ghamel l-ordni, l-attur ħareġ kwotazzjoni u l-eventwali ordni fuq *letterhead* tad-ditta *Highfield*, li fil-mori tal-kawża rriżulta li hija soċjeta' limitata li għadha attiva u tiffunzjona tant li Herman Von Brockdorf għadu jopera tramite din il-kumpanija u anki għandha xi proprjeta' reġistrata fuqha.

Fis-sentenza deciza fl-1 ta' Marzu 2013 fl-ismijiet "*Mario Falzon u martu Greta Falzon Aloisio vs. Herman Von Brockdorff, Lydia Von Brockdorff u s-soċjeta Highfield Holdings Limited*" (Rikors numru:- 1010/2009 AE), il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ikkonkludiet illi n-negozju kien sar ma' Herman Von Brockdorff personalment.[13]

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu f'dawn il-proceduri, il-konvenut irtira dina l-ewwel eċċezzjoni preliminari.[14] Minkejja dan, il-konvenut isostni li fiċ-ċirkostanzi l-attur għandu jbati l-ispejjeż relatati ma' din l-eċċezzjoni.

[12] Ara fol 7 tal-proċess.
[13] Ara fol 42 tal-proċess.
[14] Ara fol 51 tal-proċess.

Din il-Qorti tħoss li jkun opportun li tipproduċi dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal Qorti Ċivili fl-ismijiet inversi li għandha x'taqsam ma' din l-ewwel eċċezzjoni li ressaq il-konvenut u dan minħabba l-fatt illi din l-istess sentenza tikkostitwixxi *res judicata* bejn il-partijiet, u għaldaqstant torbot ukoll lil din il-Qorti:

"*B'riferenza għall-ewwel eċċezzjoni, il-qorti taqbel mat-teżi tal-konvenuti li Highfield Holdings Limited m'hijiex leġittimu kontradittur. L-attur xehed :-*

*'Nispjega li l-istimi li fuqhom qbilna u kkonfermajna l-ordni tax-xogħol imsemmi nħarġet fuq l-letter head tad-ditta Highfield. Meta saru r-riċerki mal-MFSA irriżulta li Hermann Von Brockdorff għandu kumpannija bl-isem Highfield Holdings Ltd.'.*

*M'hemmx provi li l-atturi taw l-appalt lill-kumpannija konvenuta. Għalkemm fuq l-istima hemm l-isem Highfield, dan ma jfissirx li l-appalt ingħata lill-kumpannija. Il-fatt kien biss wara riċerka li għamlu fir-Reġistru tal-Kumpanniji, riċerka li saret wara li nqalgħet il-kwistjoni bejn il-partijiet, li l-atturi saru jafu bil-kumpanija konvenuta. Hu altru milli evidenti li kemm qabel u meta saret l-ordni Von Brockdorff qatt ma għarraf lill-atturi li x-xogħol ta' mastrudaxxa jmexxih permezz ta' kumpanija. Għalhekk meta sar il-ftehim kien qiegħed jikkuntratta f'ismu personali.*" [15]

Fid-dawl tas-suespost ta' dawn il-konsiderazzjonijiet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, in vista li anke fil-proceduri odjerni ma tressqux biżżejjed provi sabiex isostnu l-argument tal-konvenut illi l-kuntratt tal-appalt kien sar bejn il-konvenut u *Highfield Holdings Limited*, u li l-konvenut irtira din l-ewwel eccezzjoni tieghu *at the eleventh hour,* meta kien ovvju li ma kellux cans jirbah din l-eccezzjoni, u jipprova jiskapola l-ispejjez taghha, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut għandu jbati l-ispejjeż li huma relatati ma' din l-ewwel eċċezzjoni.

Konsegwentement, din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, pero l-ispejjeż relatati ma' din l-eċċezzjoni għandhom jigu subiti mill-istess konvenut.

[15] Ara fol 42 tal-proċess.

*It-Tieni Eċċezzjoni – Il-Konvenut Qatt Ma Ġie Interpellat Iħallas il-Flus Mitluba*

Fit-tieni eccezzjoni tieghu, il-konvenut jeccepixxi l-intempestivita ta' l-azzjoni odjerna stante li hu qatt ma ġie interpellat iħallas il-flus mitluba, u kwindi, fi kwalunkwe każ, hu m'għandux ibagħti l-ispejjeż ta' din l-istanza u ta' l-atti kollha relatati magħha.[16]

Din il-Qorti hija tal-fehma illi din it-tieni eċċezzjoni li tressqet mill-konvenut hija legalment insostenibbli. L-attur ma kellu l-ebda obbligu li jibgħat ittra interpellatorja lill-konvenut qabel ma' ntavola dawn il-proċeduri ġudizzjarji u dan sabiex jevita li jħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri ġudizzjarji. Jekk il-bilanċ ta' erbat elef ħames mija u wieħed u tmenin Ewro (€4,581) verament – ghall-grazzja tal-argument biss - kien dovut lill-attur, kien il-konvenut li jmissu qabad u ħallsu dan l-ammont, u dan mingħajr il-ħtieġa li l-attur jintavola dawn il-proċeduri ġudizzjarji sabiex jitħallas dan l-ammont li huwa allegatament dovut lilu.

Konsegwentement, din it-tieni eċċezzjoni mressqa mill-konvenut hija legalment infondata u qed tiġi miċħuda.

*Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu*

It-tielet eċċezzjoni tal-konvenut hija fil-meritu, u cioe li l-bilanċ ta' €4,581 m'huwiex dovut minħabba li x-xogħolijiet ma sarux skond l-arti u s-sengħa.

Din il-Qorti ma' tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-attur illi:

- Sempliċiment minħabba l-fatt li l-konvenut iddeċieda li jżomm ix-xogħol tal-injam li kien għamel l-attur u baqa' jużah u jgawdih; u

- Sempliċiment minħabba l-fatt li meta ġie ikkonsenjat ix-xogħol il-konvenut spezzjonah u kien kuntent bih u ħallsu seba' t'elef Ewro (€7,000) akkont tal-prezz finali,

[16] Ara fol 7 tal-proċess.

dan neċessarjament ifisser illi l-attur esegwixxa x-xogħolijiet pattwiti skond l-arti u s-sengħa, u li konsegwentement għandu dritt jitħallas il-bilanċ ta' €4,581.00 għax-xogħolijiet li esegwixxa ghall-konvenut.

Kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[17] fis-sentenza tagħha **Joseph Brownrigg nomine vs Mario Spiteri**, deciza fis-27 ta' Gunju, 2003, l-appaltatur m'huwiex meħlus mir-responsabilita' avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xogħol. Il-verifika u l-approvazzjoni ġeneralment isiru għall-finijiet tal-ħlas, iżda b'daqshekk ma jiġix eżonorat mir-responsabilita' jekk nonostante kontroll diliġenti fil-mument tal-verifika, 'l quddiem jinstab li x-xogħol ma sarx sew.

Kif irritjena l-Espert Tekniku Joseph Cortis, u konfermat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Mario Falzon et vs Herman Von Brockdorff et**, mill-provi rriżulta bla dubju li hemm xogħol li ma sarx skond is-sengħa u l-arti, u għal dan in-nuqqas irid iwieġeb l-attur Von Brockdorff. Pero min-naha l-ohra, l-istess Qorti irriteniet li id-difetti m'humiex tali li jirrendu l-oggetti inutilizzabbli. Kien ghalhekk, li fis-sentenza taghha, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ikkundannat lill-attur odjern ihallas lill-konvenut is-somma ta' €5,169.53, rapprezentanti d-danni sofferti minhabba dawk il-bicciet ta' xoghol li ma sarux skond l-arti u s-sengha, pero cahdet it-talba tal-konvenut odjern li l-attur jirrifondilu s-somma ta' €9,000, li tħallset bħala depożitu akkont tal-prezz finali.

Fil-fatt, fir-rapport tieghu l-Perit Tekniku kkummenta kif ġej rigward ix-xogħol tal-attur in kwistjoni:

"*a. Kemm mill-aċċessi li saru kif ukoll mill-affidavit tas-Sur Herman Von Brockdorff DOC 'E' jidher li huwa persuna struwita u ta' esperjenza fix-xogħol tal-mastrudaxxa għaldaqstant nista' ngħid li in ġenerali x-xogħol inħadem skond kif titlob is-sengħa u l-arti u hija ħasra li nuqqasijiet żgħar t'attenzjoni u ftehim irrisultaw fi stima negattiva tal-kapaċitajiet tiegħu.*[18]

… …

[17] *Per* Imhallef Philip Sciberras.
[18] Paġna 12 tar-rapport tal-Perit Tekniku (li jinsab a fol 32 tal-proċess).

*e. Id-difetti fix-xogħol jirriflettu nuqqasijiet ta' attenzjoni għad-dettal sabiex ix-xogħol jitlesta kif inhu xieraq.*" [19]

L-Espert Tekniku ikkonkluda *inter alia* li : *"e. Ix-xogħol kollu pattwit għandu bżonn ta' dawrien, settjar, fejn hemm xambrelli qosra jinbidlu, jinżebgħu sewwa fuq u isfel tal-bibien kollha dan sabiex jintlaħaq il-livell sodisfaċenti, li bi ftit attenzjoni u spejjeż dan għandu jiġi milħuq.*" [20]

Minkejja li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet inversi pprovdiet illi "*x-xogħol ... fih nuqqasijiet li jridu jiġu ndirizzati, u li... Von Brockdorff iridu jagħmlu tajjeb għalihom,*" [21] dik il-Qorti xorta waħda kkonkludiet illi d-difetti li sab il-Perit Tekniku m'humiex "*tali li jirrendu l-oġġetti inutilizzabbli.*" [22]

Fis-sentenza **Joseph Brownrigg nomine vs Mario Spiteri** fuq citata, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili irriteniet hekk: *"Jekk id-difetti ikunu ta' certa gravita, l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-"exception non rite adempleti contractus" ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas (**Francis Spiteri nomine vs Emmanuele Cassar**, Appell Civili 14 ta' Marzu 1975). Jekk minn naha l-ohra, d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati (**Vol. XXX PII p 433**) jew jaccetta riduzzjoni (**Angelo Busuttil vs Pio Fedele et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 9 ta' April 1968; **John Bonnici nomine vs Anthony Sammut**, Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994; **Victor Tabone vs Felix Mifsud**, Prim'Awla, Qorti Civili, 5 t'Ottubru 1994)."*

In vista tal-konkluzjonijiet tal-Espert Tekniku, kif konfermati mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tagħha mogħtija fl-1 ta' Marzu, 2013 fuq citata, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur ma jistax jitqies li hu inadempjenti, u ta' xogħolu għandu jitħallas, iżda għandu jaċċetta riduzzjoni fil-prezz minħabba dawk l-oggeti elenkati mill-Espert Tekniku, li ma sarux kompletament skond l-arti u s-sengha.

Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-ammont li għandu jitnaqqas mill-prezz totali pattwit bejn il-kondententi, u cioe l-prezz ta' €13,581, għandu jkun dak ta' €5,169.53 – l-ammont li

[19] Paġna 14 tar-rapport tal-Perit Tekniku (li jinsab a fol 32 tal-proċess).
[20] Paġna 19 tar-rapport tal-Perit Tekniku (li jinsab a fol 32 tal-proċess).
[21] Ara fol 45 tal-proċess.
[22] Ara fol 47 tal-proċess.

llikwidat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet inversi, bhala danni ghax-xoghol hazin li sar mill-attur, u sabiex ix-xoghol pattwit jilhaq il-livell li jehtieg li jkun skond is-sengha u l-arti. B'hekk, l-attur ghandu jircievi prezz ridott ghas-somma ta' €8,411.47.

Issa mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur tħallas €9,000 bħala depożitu akkont tal-prezz finali, iżda ħallas ukoll id-danni lill-konvenut ta' €5,169.53. Dan ifisser li l-attur effettivament tħallas is-somma ta' €3,830.37 għall-appalt in kwistjoni.

Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma li l-attur issa għandu jitħallas id-differenza bejn is-somma lilu dovuta għall-appalt li ezegwixxa, cioe €8,411.47, u s-somma li effettivament rċieva l-attur għall-istess appalt, u cioe €3,830.37. Dan ifisser li l-ammont li l-attur ghad fadallu jithallas minghand il-konvenut huwa ta' €4,581, u cioe is-somma mitluba fl-avviz.

**Konklużjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħdha tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tastjeni milli tipprovdi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;
2. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut;
3. Tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut;
4. Tilqa' it-talba tal-attur, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erbat'elef ħames mija u wieħed u tmenin Ewro (€4,581), bl-imgħaxijiet relattivi jiddekorru mid-data tal-preżentata ta' l-avviż u cioe' mill-5 t'Ottubru, 2009.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, nkluż tal-mandat ta' sekwestru numru 2930/09 maħruġ fil-25 ta' Settembru 2009 għandhom jitħallsu mill-konvenut, b'dan li l-ispejjez relatati mal-perizja jinqasmu in kwantu ghal 75% a karigu tal-attur u 25% a karigu tal-konvenut.

**Maġistrat** **Deputat Reġistratur**